



15.12.2014

0014/2014

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar iffullar żejjed fil-ħabsijiet fl-UE

**Nicola Caputo (S&D), Miriam Dalli (S&D), Aldo Patriciello (PPE),
Michela Giuffrida (S&D), Nicola Danti (S&D), Isabella De Monte (S&D),
Eleonora Forenza (GUE/NGL), Barbara Spinelli (GUE/NGL), Caterina
Chinnici (S&D), Kashetu Kyenge (S&D), Paolo De Castro (S&D),
Massimo Paolucci (S&D), Karima Delli (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 15.3.2014

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar iffullar żejjed fil-ħabsijiet fl-UE ¹

1. Rapport reċenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Kunsill tal-Ewropa jidentifika l-iffullar żejjed bħala l-problema prinċipali fil-ħabsijiet Ewropej. Dan jindika li fl-Italja, huma miżmuma medja ta' 153 ħabsi f'ħabsijiet li kienu ddisinnjati biex jospitaw fihom 100 f'kundizzjonijiet aċċettabbli, filwaqt li f'Ċipru, fil-Greċja u fi Franza, il-figuri ekwivalenti huma 151, 123 u 108 rispettivament.
2. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri qed jonqsu milli jissodisfaw l-istandards minimi Ewropej kif stabbiliti mir-Regoli Ewropej dwar il-ħabsijiet imfassla mill-Kunsill tal-Ewropa.
3. Hija meħtieġa azzjoni immedjata, għall-prevenzjoni ta' mwiet u ta' ħsara kkawżati minn iffullar estrem fil-ħabsijiet. Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' teħid ta' azzjoni jinkludu riskji ogħla ta' trażmissjoni ta' mard infettiv u rati għolja ta' suwiċidji. In-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni jipprekludi wkoll lill-ħabsijiet milli jipprovdu lill-ħabsin b'kura medika adegwata u b'kura tas-saħħa mentali adegwata.
4. Il-Kummissjoni hija għalhekk mitluba teżamina r-riżorsi kollha disponibbli sabiex tipprovi appoġġ lill-Istati Membri għat-titjib tal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, inkluż permezz ta' inizjattivi xierqa għall-bini tal-ħabsijiet u l-iżvilupp ta' alternattivi għal pieni ta' kustodja, minħabba l-importanza partikolari li l-UE tagħti għar-rispett għad-drittijiet fundamentali.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.